KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 47

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa l-Każin ta' Stella Maris.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principle Assistant Officer |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6.10pm:*

*47.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 46;*
*47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*47.5 Rapporti;*
*47.6 Noise Pollution*
*47.7 Items Oħra ;*
*47.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*47.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*47.10 Mozzjonijiet ;*
*47.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

47.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

47.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillier D.Soler talab illi jkun skużat.

**47.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 46**

47.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 46 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier J.Dougall ppropona li l-Minuti jiġu approvati u l-kunsilliera Illona Fenech issekondat. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti ġew approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 46*

47.2.2 Dwar punt 46.2.3 is-Sindku qal illi l-kuntrattur beda jneħħi ftit tiġieġ u sdriedaq mill-ġnien. Se jibgħat ritratti tagħhom biex juri li huma ġo għalqa u li l-gallinar għanda titlesta din il-ġimgħa. Meta x-xogħol ikun lest, se jitpoġġew lura ftit tiġieġ u serduq. *Tiġieġ: Ġnien Independenza*

47.2.3 B'referenza għall punt 46.2.5 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Powerwashes fuq il-bajjiet ma jistawx isiru. Se ssir talba lil ERA sabiex isir laqgħa biex insibu l-aħjar soluzzjoni. *Powerwashes: Bajjiet*

**Il-kunsilliera P.P.Portelli u D.Muscat daħlu fis-18:20**

47.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-karrozza electric li għanda tinxtara għall-Council Cab x'aktarx mhix se tasal Malta qabel l-aħħar tas-sena minħabba nuqqas ta' supply ta' parts li qed toħloq backlog madwar id-dinja kollha. Il-Kunsill irċieva estenzjoni għad-deadline tal-fondi *Karozza electric*

47.2.5 B'referenza għal punt 46.5.2 il-kunsillier A.Debono qal illi se *Niċċeċ*

jintbagħtu l-commencement notices. Żied illi l-kuntrattur se jkun qed jaħdem fuq 2 niċċeċ fuq il-post u 2 oħra fil-garaxx. Is-Sindku qal illi għal dawk illi se jaħdem fuq il-post, irid jagħmel scaffolding u jagħti kollox sakemm isir ix-xogħol.

47.2.6 Is-Sindku għamel referenza għal punt 46.6.3 u qal illi fustun se jsir mall-Promenade kollu ħlief minn Surside sall-Fortizza. *Fustun*

47.2.7 B'referenza għal punt 46.6.10 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtet survey sabiex jittieħed ideja mingħand il-Kunsill dwar Traffic Management Plan minħabba x-xogħolijiet ta' Regina Hotel izda ftit kienu li rrispondew. *Għar il-Lembi/High str traffic management*
L-ideja hi li karrozzi jagħdu one-way minn Għar il-Lembi għal High str u joħorġu minn fejn Next. Spejjez, inkluz servizz ta' wardens meta jkun hemm għeluq ta' triq Għar il-Lembi, ikunu f'idejn il-kuntrattur tar-Regina Hotel.
Kien hemm qbil unanimu.

47.2.8 B'referenza għal punt 46.6.12, il-laqgħa ma Onor Zrinzo se ssir l-għada ta' din il-laqgħa.

47.2.9 B'referenza għal punt 46.6.19 is-Sindku talab illi tintbagħat ittra lis-Segretarju Parlamentari għad-drittijiet tal-annimali sabiex tintbagħat il-kriterja għal dog friendly beaches. *Dog friendly beaches.*

**47.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

47.3.1 Is-Sindku qal illi l-Kulleġġ ta' Santa Klara offrew klassi tal-iskola biex tibda 'Aqra Miegħi' li hi klassi għat-tfal bejn 0 u 3 biex jisimgħu story-telling *Aqra Miegħi*

47.3.2 Is-Sindku qal illi ltaqa ma' Onor Zrinzo u talab illi ssir restawr tal-monument ta' Bisazza str. Rapport għanda tintbagħat fil-ġranet illi ġejjin. *Monument: Bisazza*

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-18:40**

47.3.3 Is-Sindku rringrazzja lil CMD li qegħdin jagħtu għajnuna fejn hemm bzonn, anka barra z-zona turistika. *CMD*

**47.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

47.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

**47.5 RAPPORTI**

47.5.1 Is-Sindku talab illi ssir laqgħa mall-Contracts Manager. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi m'huwiex aċċettabbli li r-rapporti ma waslux qabel il-laqgħa li qed isir fin-nofs tax-xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-rapporti fil-fatt waslu ftit qabel il-laqgħa.

**47.6 NOISE POLLUTION**

47.6.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi qed ikun hemm wisq każijiet ta' storbju eċċessiv f'postijiet residenzjali partikolarment fiż-żona tax-Xatt. Ippropona li l-Kunsill jibda jagħmel użu mis-sistema tal- kwerela li hija għodda legali li tintuża meta l-Pulizija ma jieħdux il-passi neċessarji wara li jkun sar rapport.
Is-Sindku qal illi ma jistax jaċċetta li stabbilimenti jdoqqu l-mużika kull ħin, lejl u nhar u qal illi għanda tissejjaħ laqgħa fuq dan is-suġġett biss.

47.6.2 Wara diskussjoni fuq l-ammont ta' storbju li jkun ħiereġ minn ċerti stabbilimenti, il-kunsillier P.Radmilli qal illi qegħdin joħorġu ħafna permessi għat-tables and chairs li qed tiżdied ma din il-problema wkoll. Fakkar illi fil-passat kellna Perit bir-retainer, izda dan irrizenja.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtu talbiet għall-istimi fejn waħda biss ikkonfermat il-prezz illi hi ta' €100 fis-siegħa. Kien hemm qbil illi l-ammont hija waħda għolja u se nkellmuha sabiex naraw kemm għanda ddum fuq applikazzjoni standard sabiex il-Kunsill ikun jaf kemm se jkun hemm infieq għal kull każ.
Kien hemm qbil illi jekk jinstab li l-persuna li ikkwotat għas-servizzi tagħha ma hijiex ser toħroġ kont għal ħafna siegħa għax-xogħol li jirrikjedi l-Kunsill, mela l-Kunsill ħa jingaġġa din il-persuna.

**47.7 ITEMS OĦRA**

47.7.1 Is-Sindku qal illi se jkun hemm tibdil fid-dekasteri izda xejn ma jista jkun stabbilit qabel ma l-Kunsill ikun jaf min se jokkupa s-siġġu vakant. Dekasteri
Żied illi se jieħu f'idejħ id-dekasteru tal-iskart u knis u miegħu se

jkun hemm tlett kunsillier oħra li flimkien se jagħmlu studju fuq żoni partikolari. Dawn il-kunsilliera se jkunu l-Viċi Sindku, W.V.Baldacchino u J.Dougall. Qal ukoll illi l-kunsillier J.Dougall se jieħu f'idejħ il-kommunita tal-businesses minflok il-Viċi Sindku, waqt illi l-kunsillier D.Muscat se jieħu dekasteru għan-nies bi bzonnijiet speċjali u l.Fenech se tieħu l-Integrazzjoni Soċjali. Dawn it-tnejn kienu dekasteri tal-ex Sindku.

47.7.2 Is-Sindku qal illi fit-22 tax-xahar se ssir laqgħa mall-Ministru Onor. Clayton Bartolo u se jistaqsi biex isiru mobile toilets mall-bajjiet. Żied illi se nġibu 2 oħra għall-fejn l-għasa għaż-żmien il-festa — Mobile Toilets

47.7.3 Is-Sindku qal illi l-MTA se jinżebgħu bankijiet u se jieħdu ħsieb xi xogħolijiet oħra wkoll mall-Promenade.

47.7.4 Is-Sindku qal illi jista jkun il-każ illi x-xogħolijiet fuq il-funtana tal-bridge ta' ġnien Independenza ssir mill-Parks. Il-kunsillier P.Radmilli rrimarka li jippreferi li ssir mill-Kunsill wara li ħriġna spejjez professjonali aħna u hemm fondi għalihom mir-Reġjun. Żied illi l-Kunsill għandu vot ibbuġġitjat għal spejjeż kapitali illi għandu jintuża għal dan it-tip ta' proġetti u ma qabilx li inħallu entita oħra tirkeb fuq il-karru tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi m'hemmx bizzejjed fondi minn dak il-fond u jixtieq jara l-proġett isir, ikun min ikun li jlesti x-xogħol. Kien hemm qbil. — Water Sculpture

47.7.5 Is-Sindku ppropona li ssir attivita f'ġieħ Enzo Gusman. Qal illi hemm artist li se jagħmel bust għalih izda din se tkun lesta izjed tard din is-sena. Kien hemm diskussjoni sabiex din l-attivita forsi ssir ma Ġieħ Tas-Sliema. — Enzo Gusman

47.7.6 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk il-Kunsill għadu qed ifittex premises ġodda għalhiex hemm post ġewwa triq Bisazza. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi l-fondi tad-DPF mhumiex għax-xiri ta' propjeta izda għar-restawr.

47.7.7 Il-kunsillier D.Muscat qal illi nhar is-Sibt 6 t'Awwissu se jkun hemm attivita ġewwa Sqaq Sajjan 'Attivita taħt l-isqaq' fejn se jkun hemm mużiċisti u nagħtu ħajja lill-isqaq għal sagħtejn. Kien hemm qbil. — Attivita taħt l-isqaq

47.7.8 Il-kunsillier D.Muscat ħabbar illi se jkun qed jattendi l-attivitajiet ta' Bialystok flimkien mas-Sindku, W.V.Baldacchino u l-PAO, — *Bialystok*

G.Enriquez bħala parti miġ-ġemelaġġ. Qal illi jixtieq illi joħorġu idejat konkreti għall-futur ta' din iġ-ġemelaġġ

47.7.9 Il-kunsillier D.Muscat qal illi hemm bzonn nibdew bi preparamenti għal Ġieħ Tas-Sliema. Kien hemm diskussjoni fuq il-proċeduri, waqt illi l-kunsillier P.Radmilli ppropona li l-ex Sindku, is-sur A.Chircop ikun Charman tal-Bord tal-Għażla. Kien hemm qbil. Ġieħ Tas-Sliema

47.7.10 Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm mużiċista li tixtieq tagħmel String Orchestra ġewwa Tas-Sliema. Il-parteċipanti jkunu jistaw jipparteċipaw fl-attivitajiet. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-Każin tal-Karmnu Balluta qed ifittxu sinerġija ma entitajiet mużikali għal proġett tagħhom u għandna ninkluduhom. String Orchestra

47.7.11 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm kwistjoni dwar 2 applikazzjonijiet tad-DPF. Waqt illi jifhem illi hemm laqgħa mall-Ministru l-għada tal-laqgħa ħabbar illi mhux se jkun jista jattendi izda talab illi jkun jista jikkomunika bit-telefon biex jispjega ftit affarijiet. DPF: Applikazzjonijiet ta' Sacro Cuore u Stella Maris.

47.7.12 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi qegħdin nistennew BoQ's għall-Outdoor Gym ta' Qui Si Sana. Outdoor Gym

47.7.13 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi hemm kumpanija tal-Gaming li avviċnaw lilu u lis-Sindku sabiex bħala CSR tinbidel l-equipment taħt il-Promenade. Għandom €20,000. Kien hemm qbil illi naħdmu magħhom u li ssir plakka biex nirringrazzjawhom. CSR

47.7.14 Il-kunsilliera V.G.Pace staqsiet dwar ir-ritratti ta' 'Before and After'. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellu bzonn l-isem tal-persuna li kien avviċinaha imma qatt ma rċieva l-isem..

47.7.15 Il-kunsillier V.G.Pace staqsiet dwar il-monument 'Kudos'. Is-Sindku qal illi fadal sabiex isir. Qal ukoll illi l-monument tal-MAGG li għanda ssir dalwaqt inbiddlet il-post u anka d-disin u ma kienx jaf. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-post ġie vverifikat f'laqgħa ta' Kunsill izjed kmieni din is-sena. Monumenti: Kudos u MAGG

47.7.16 Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi l-magħdum ta' triq it-Torri, man-naħa tal-bini, għanda bzonn tiġi rrinġata. Is-Sindku qal illi kellem lil Public Works. Qal ukoll illi l-Kunsill għandu tort għalhiex noħorġu Magħdum: Promenade

ammont ta' permessi u ma jsirx infurzar meta joħorġu saqajn fuq il-bankina.

47.7.17 Il-kunsillier V.G.Pace staqsiet dwar il-planters ta' fejn Hole in the Wall. Is-Sindku qal illi se ssir totalment differenti fejn se jkun hemm planters wara xulxin.

47.7.18 Il-kunsillier V.G.Pace qalet illi hemm garaxx mad-dawra ta' triq il-Kbira ma San Vinċenż li talbu li jsiru bollards barra l-garaxx tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bollards mhumiex permess bil-liġi u jekk isiru minn naħa tagħhom jistaw jitneħħew mill-awtorita.

**Il-kunsillier P.Radmilli talab illi jkun skużat għall-ħabta ta 9pm.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil illi l-laqgħa titkompla.**

47.7.19 Il-Viċi Sindku staqsa jekk tista tintbagħat update tat-tenders. Talab biex tintbagħat liema tenders għadom iridu jiġu ġudikati u liema ħerġin. Tenders

Il-kunsillier P.Radmilli tkellem dwar il-bordijiet ta' l-aġġudikatura u appella li min ikun f'tali bord jitlob l-għajnuna sabiex ikun jista jlesti x-xogħol, għaliex ħafna proġetti li jibbenefikaw minn fondi jiddependu minn dan ix-xogħol u għalhekk huwa importanti li barra li jsir bir-reqqa, l-evalwazzjoni ta' kull tender isir malajr kemm jista jkun.

47.7.20 Il-Viċi Sindku staqsa jekk se tkompli r-rail taħt Fresco's. Is-Sindku qal illi ma kienx qabel illi jsir dak ix-xogħol. Il-Viċi Sindku ppropona li ssir xibka biex izomm l-affarijiet milli jaqaw.

47.7.21 Il-Viċi Sindku talab jekk possibli jinxtraw kameras għas-sorveljanza kontra min iħalli z-zibel barra. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi jinxtraw kameras anka qabel ma naraw dwar l-internet. CCTV

47.7.22 Il-Viċi Sindku staqsa jekk se jitkomplu x-xogħolijiet fuq is-siġar. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li għad baqa x-xogħol. Siġar

47.7.23 Il-Viċi Sindku talab illi ssir laqgħa bejn il-tlett kunsilliera u s-Sindku, li flimkien se jieħdu ħsieb il-knis/skart, u talab illi ssir laqgħa mall-kuntrattur.

47.7.24 Il-Viċi Sindku talab update rigward l-istreet furniture, kif ukoll l-ammont li ħalsu l-kuntratturi matul l-aħħar tlett snin. Irrefera għall-advert boards/siġġijiet u dawk bil-mappep. Kien hemm diskussjoni sabiex il-Kunsill jixtri frames u jinkrew minn naħa tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal wieħed irid jara l-ewwel kif din tista taħdem legalment.

47.7.25 Il-Viċi Sindku staqsa jekk possibli ssir Blood Donation Unit ġewwa Dingli str. Kien hemm qbil.

47.7.26 Il-Viċi Sindku għamel talba sabiex isir laqgħa mall-handymen. Is-Sindku ħass illi m'hemmx għalfejn. Qal illi ħarġet tender li qatt ma għalaq il-Kunsill u għandu informazzjoni li se ssir kooperattiva fir-Reġjun biex jieħdu ħsieb xogħolijiet. Il-Viċi Sindku qal illi xorta fil-fehma tiegħu li nkellmu l-ħaddiema tagħna li jagħmlu dax-xogħol.

47.7.27 Il-Viċi Sindku qal illi jixtieq juri solidarjeta mas-Sindku għal dak illi ġara l-ġimgħa ta' qabel meta mar iwaqqaf persuna li kienet qed tikser il-liġi u spiċċa weġġa hu. Għamel suġġeriment għal Community Wardens izda wara diskussjoni twila ġie deċiż illi aħjar din ma ssirx.

47.7.28 Is-Sindku talab illi jkun hemm l-assistenza ta' kunsillier li hu lest jieħu responsabbilta għall-kwistjonijiet li jikkonċernaw 'short lets'. Il-kunsillier P.Radmilli qal li f'ċerti bliet bħal Barcelona, isir ftehim bejn il-belt u l-Airbnb sabiex jiżguraw li kull min jikri permezz ta' din il-pjattaforma ikun qed izomm mar-regoli tal-Belt. Is-Sindku qal illi jixtieq illi jittieħed deċiżjoni fuq il-persuna malajr kemm jista jkun.

**47.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

47.8.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

**47.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

47.9.1 Il-kunsillier P.P.Portelli ppropona li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier L.Borg issekondaħ. Approvazzjoni tal-pagamenti

**47.10 MOZZJONIJIET**

46.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**47.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

47.11.1 Is-seduta ntemmet fid-22.10. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju, 2022 fis-6pm

Minuti approvati llum 19 ta' Lulju 2022

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |